## Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 323/2010

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Formosa**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Paul Formosa, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 473383M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. Fit- 18 ta' April 2010 kif ukoll fil-granet ta' qabel din id-data fl-inhawi tal- Handaq kien ghall-kacca u garr senter u munizzjon waqt stagun maghluq

2 . Ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi naqas li jikkonforma ruhu ma' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti

jew naqas milli jikkonforma ruhu mal-kundizzjonijiet ta' xi ordni moghtija legittimament skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jigifieri tal-Avviz Legali 79 tal- 2007 kif sussegwentament emendat;

3. Ukoll talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht l-A.L. 79 tal-2006 kif sussegwentament emendati;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi agixxa bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir- regolamenti;

5. UkoIl talli fl-istess data, lok, perjodu u cirkostanzi kkonfoffa jew ittanta, jew ghin, hajjar, ta parir jew flus lil xi haddiehor biex jikser xi disposizzjoni bhal dawk (inkluza ordni legittimament moghtija skond xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti), jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega mposta minn jew taht ir-regolamenti ta' l-A.L. 79 tal-2006 kif sussegwentament emendat;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-30 ta' Gunju, 2010 li biha fuq ammissjoni dwar tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjonijiet il-Qorti sabitu hati kif ukoll sabitu hati tal-hames (5) imputazzjoni u kkundannatu multa ta' elf ewro (€1,000), u ordnat l- iskwalifika tal-licenzja tal-imputat ghal garr u zamma ta' arma ghal sena;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul Formosa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-12 ta' Lulju, 2010, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti jogghobha **tvarja** u timmodifika is-sentenza appellata billi (a) **tikkonfermaha** kwantu s-sejbien ta' htija tieghu taht 1-ewwel, it-tieni, t-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, u

(b) **tirrevoka** s-sejbien ta' htija taht il-hames imputazzjoni u tilliberah minnha u (c) **tvarja** l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan l-appell huwa limitat kwantu s-sejbien ta' htija dwar il-hames imputazzjoni u l-piena erogata. Minkejja li s-sentenza tal-ewwel Qorti kienet profferita fis-sena 2010 kien biss wara li l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghax-xhieda taghha, wiehed minnhom altrimenti irrangungibbli ghaliex jghix fl-esteru, li dan l-appell seta jimxi 'l quddiem (ara verbal tal-udjenza tas-7 t'April, 2017);
2. L-uniku ilment tal-appellant fil-mertu hu li ma jirrizultawx l-elementi tar-reat kif ipotizzat fil-hames imputazzjoni, dik tal-konfoffa jew thajjir ghal-ksur tar-regolamenti dwar il-Harsien tal-Ghasafar Selvaggi. Fin-normalita' u fejn ix-xhieda li jkunu ddeponew quddiem l-ewwel Qorti ma jkunux registrati, din il-Qorti tghaddi biex tisma dawk ix-xhieda mill-gdid. Fil-kaz odjern dan ma huwiex possibbli kwantu tnejn minnhom ghaliex il-prosekuzzjoni irrinunzjat ghall-produzzjoni tal-Ispettur Alex Miruzzi li kien l-ufficcjal prosekutur fil-prim istanza u ghall-certu Andre Raine, rapprezentant tal-Birdlife li apparentement kien ghadda *video recording* lill-Ispettur mghoddi lilu minn terzi. Minn naha tieghu l-appellant qieghed jikkoncedi bhala

ammissibbli l-istqarrija tieghu in atti bhala prova ta' nuqqas ta' partecipazzjoni tieghu fir-reat *de quo*;

3. Mix-xhieda ta' PS 257 li inghatat per via ta' affidavit, jemergi illi f'April tas-sena 2010 l-Birdlife Malta ghaddiet lil dan ix-xhud *video footage* rigward persuni li kienu qieghdin jikkaccjaw fl-inhawi tal-Handaq waqt stagun maghluq. Il-Pulizija baghtet ghas-sidien tal-vetturi li dehru fil-video li minnufih intgharfu bhala l-protagonisti. Jghid ukoll illi mill-video kien evidenti illi dawn il-persuni, fosthom allura l-appellant, infirxu fl-istess hin meta kienu avzati minn certu Ciappara, impjegat tal-Birdlife stess, li membri tal-Birdlife kienu ghadhom kif cemplu lill-pulizija minhabba fihom;

4. Jidher li hemm qbil bejn l-appellant u l-Avukat Generali illi dak li kien xehed l-Ispettur Alex Miruzzi, jista' jkun estrapolat mill-istqarrija tal-istess appellant la darba dak kien l-involviment tieghu fil-kaz. F'din l-istqarrija l-appellant jghid li kien qieghed ghall-kacca wahdu. Certu Clifton Axisa u Leo Ciappara huma hbieb tieghu u Daren Borg huwa kuginuh. Dakinhar tal-incident, l-appellant kien ircieva telefonata minghand Ciappara, biex iwissieh li kien hemm xi filmati taghhom waqt li kienu ghall-kacca. Jghid ukoll illi dakinhar kien ircieva informazzjoni minghand Leo Ciappara dwar fejn kienu ser ikunu tas-security u tal-Birdlife;

5. Din il-Qorti ma tara ebda difett fil-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. Skond ix-xhud tal-prosekuzzjoni, Leo Ciappara kien impjegat tal-Birdlife inkarigat biex jirregistra u jirraporta lill-pulizija attivitajiet illegali tal-kacca. Issa, l-appellant *ex admissis* jikkonferma li kien f'kuntatt ma' Ciappara waqt dak il-hin tal-kacca u dan tal-ahhar infurmah li l-Birdlife kellha filmati tieghu u dak il-hin stess waqaf jikkaccja. Ikkonferma ukoll illi dakinhar Ciappara kien infurmah fejn kienu ser ikunu tal-Birdlife. Dan l-agir jirrintra fl-azzjonijiet msemmija fir-regolament 27(1)(d) tal-Avviz Legali

2006 kif emendat u vigenti fid-data tar-reat u ghalhekk kienet korretta l-ewwel Qorti meta sabet htija f'dan il-fatt;

6. L-appellant jilmenta ukoll mill-piena erogata mill-ewwel Qorti sia dwar il-*quantum* kif ukoll dwar l-iskwalifika tieghu mill-licenzja ta' garr u zamma ta' arma tan-nar bil-gravam li din mhix sorretta fil-ligi la darba l-Kapitolu 480 tal-ligijiet ta' Malta kien abbroga l-Ordinanza dwar l-Armi, Kapitolu 66 bil-konsegwenza li tali licenzja m'ghadhiex tezisti. L-iskwalifika tal-licenzja kienet ordnata mill-ewwel Qorti fit-termini tal-proviso tar-regolament 27(2)(b) tal-Avviz Legali 79/2006 dwar kull licenzja mahruga skond it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Pulizija, Kapitolu 10. L-appellant ghalhekk mghandux ragun f'dan l-argument;

7. Din il-Qorti, imbaghad, ma tarax ghaliex ghandha tinterferixxi fid-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fil-kominazzjoni tal-multa ta' €1000 la darba din hija fil-parametri tal-ligi;

8. Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud.